***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## - SEZZJONI FAMILJA -

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum il-Erbgha, 12 ta' Lulju 2017.**

**Rikors Numru: 161/2017/LSO**

**(Rikorrent) Maria Dolores Sultana Id. 85258M**

**vs**

**(Intimat) Paul Sultana Id. 544260M, f' isimu propju u bhala direttur tas-socjetajiet Menfi Limited C46491 Medical Laboratory Services C17197, Menfi Projects Ltd C78247 u s-**

**socjeta` St James Hospital Holdings Ltd C30673**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Maria Dolores Sultana datat fit-16 ta' Gunju 2017 fejn jinghad bil-qima u jigi kkonfermat bil-gurament: -

Illi l-esponenti bdiet proceduri ghal separazzjoni personali liema jinsabu fi stadju ta' medjazzjoni;

Illi bejniethom tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti;

Illi jirrizulta illi l-konvenut Paul Sultana huwa azzjonist u direttur fis-socjetajiet Menfi Limited C46491, Medical Laboratory Services C17197, Menfi Projects Ltd C78247 li lkoll twaqqfu fiz-zwieg;

Illi *di piu`* jirrizulta illi s-socjeta` Menfi Limited C17197 li taghha l-konvenut Paul Sultana huwa direttur u azzjonist, hija azzjonista fis-socjeta` Saint James Hospital Holdings Ltd C30673;

Illi l-esponent tixtieq li l-qorti tohrog mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha;

1. Fejn ma thallix lill-imsemmi intimat li jbiegh, inehhi, jittrasferixxi u/jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma li huwa ghandu fis-socjetajiet Menfi Limited C46491, Medical Laboratory Services C17197, Menfi Projects Ltd C78247 u s-socjeta` St James Hospital Holdings Ltd C30673; liema kollha saru fiz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fis-6 t'Awwissu 1983 u ghalhekk formanti l-komunjoni tal-akkwisti;

2. Fejn ma thallix lill-intimat ikompli jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'pizijiet u passivita` b'mod partikolari ghandu jigi inibit milli jaghmel uzu minn facilitajiet ta' *overdraft* f' ismu u f' isem is-socjetajiet Menfi Limited C46491, Medical Laboratory Services C17197, Menfi Projects Ltd C78247 u s-socjeta' St James Hospital Holdings Ltd C30673 mal-banek lokali galadarba tali uzu ser jiggrava u jippregudika l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi kif jirrizulta mill-*memorandum and articles* tal-imsemmija socjetajiet, l-intimat huwa direttur u *shareholder* fl-imsemmija kumpaniji u jista' jiddisponi mill-ishma fl-istess jew addiritura jghabbi b'dejn l-istess socjetajiet kif irid a skapitu tad-drittijiet tal-esponenti;

Illi ghalhekk jekk isir dan l-mandat *stante* li kull gid li hemm fil-kumpaniji huwa formanti l-komunjoni tal-akkwisti fuq liema l-esponenti m'ghandha ebda poter minkejja li twaqqfu fiz-zwieg u dan *stante* li hija m'ghandha l-ebda involvement, la bhala direttur u lanqas bhala azzjonista;

Illi mill-premess jirrizulta l-*prima facie* dritt u l-pregudizzju irrimedjabbli li ser issofri l-esponenti kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ma tohrogx l-istess mandat;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti titlob li dan l-mandat jitlaqa' immedjatament, fuq bazi provizzorja halli jigu notifikati l-awtoritajiet relattivi u l-intimat jigi inibit kif deskritt iktar 'il fuq.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghall-4 ta' Lulju 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Paul Sultana (KI 544260M) f' ismu proprju u bhala direttur tas-socjetajiet Menfi Limited u Menfi Projects Limited Galea (c/o Preti Court T, 10F/19, Tigne Point, Sliema, Malta) datata 20 ta' Gunju 2017 a fol 78 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Dr Josie Muscat bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet initmati Medical Laboratory Services Ltd (C-17197) u St James Hospital

Holdings Ltd (C-30673) datata 20 ta' Gunju 2017 a fol 83 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-Tlieta l-4 ta' Lulju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Noella Sciriha. Deher Dr Paul Lia ghal Saint James Hospital u Medical Laboratories Services, it-tnejn rapprezentati fl-Awla minn Albert Micallef. Deher l-intimat assistit minn Dr Georgine Schembri. Xehdu bil-gurament taghhom: Dr Patrick Galea u l-intimat Paul Sultana, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-intimat milli jbiegh, inehhi u /jew jitrasferixxi ishma fis-socjetajiet Menfi Limited, Medical Laboratory Services, Menfi Projects Limited u s-socjeta` St. James Hospital Holdings Limited. Inoltre`, r-rikorrenti qed titolb ukoll li l-intimat jigi inibit milli jaghmel uzu minn faciltajiet ta' *overdraft* f'ismu u f'isem is-socjetajiet imsemmija.

L-intimat oppona billi sostna li matul il-perjodu li ilhom mifrudin hu u martu, qatt ma ghamel xejn biex jippregudika l-ishma fis-socjetajiet imsemmija. Inoltre hu ghamel ukoll obbligazzjoni f'dawn l-atti, li mhuwiex ser ibiegh, inehhi jew jitrasferixxi minn ishma fis-socjetajiet imsemmija fir-rikors promotur. Gie eccepit li din it-talba qed issir minhabba pika, u mhux minhabba ebda biza` li r-rikorrenti ser tigi ppregudikata. Referibbilment ghal dak mitlub dwar l-inibizzjoni konnessa mal-facilitajiet bankarji, huwa laqa' billi sostna li dak mitlub sabiex il-kumpaniji ma jaghmlux uzu minn *overdrafts* jista' jwaqqaf u jistultifika l-operat tal-istess kumpaniji. Ghalhekk, gie sottomess li t-tieni talba u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kunfliggjenti billi fl-ewwel talba trid tipprotegi d-drittijiet taghha sabiex ma ssofrix pregudizzju, u fl-istess waqt bit-tieni talba qed tittenta twaqqaf l-operat tal-kumpaniji bi pregudizzju wkoll ghall-azzjonisti l-ohra.

Fir-risposta tieghu, Dr. Josie Muscat bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Medical Laboratory Services Limited u St. James Hospital Holdings Limited sostna li Paul Sultana ghandu hamsin fil-mija fis-socjeta` Medical Laboratory Services Limited u permezz ta' din il-kumpanija, l-intimat Paul Sultana ghandu sehem indirett konsistenti *f''non participating, non voting, cumulative, redeemable preference shares'* f'St James Holdings Limited, izda nonostante dan, s-socjeta` St James Holdings Limited hija kumpanija fil-kontroll shih u esklussiv tal-familja ta' Dr. Josie Muscat. Minbarra hekk, gie sottomess ukoll, li rigward is-socjetajiet l-ohra Menfi

Limited u Menfi Projects Limited, l-intimat hu biss azzjonist ta' ghoxrin fil-mija tal-ishma totali li jkompli juri li mhuwiex fil-kontroll shih, imma ghandu biss kontroll minoritarju.

**Rizultanzi fattwali:**

Jirrizulta li r-rikorrenti u l-intimat Paul Sultana ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni. Illi jirrizulta wkoll li kien hemm diversi sessjonijiet ta' medjazzjoni, u tentattiv ta' abbozz li ma avverax ruhu minhabba nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet. Jirrizulta li l-intimat huwa azzjonist u Direttur fis-socjetajiet Menfi Limited, Medical Laboratory Services, u Menfi Projects Limited li lkoll twettqu waqt iz-zwieg. Permezz tas-socjeta` Medical Laboratory Services, l-intimat ghandu sehem indirett permezz ta' *preference shares* fis-socjeta` St. James Hospital Holdings Limited. In segwitu, r-rikorrenti pprocediet biex jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni odjern.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, fil-kaz **Mugliette vs Bonnici**, deciz mill-P.A. fil-25 ta' Jannar 2005 inghad;

*"Illi bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher, li ghandu mad-daqqa t' ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."*

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe**

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

**vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

Tajjeb li jkun riaffermat li jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. Il-procedura odjerna hija wahda eccezzjonali u sommarja. Il-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima facie'.**

Illi r-rikorrenti qed tittenta twaqqaf lill-intimat milli jbiegh, inehhi, u/jew jitrasferixxi l-ishma li hu ghandu fil-kumpaniji msemmija fir-rikors, u li huwa akkwista matul iz-zwieg. Ir-rikorrenti qed titlob ukoll, li l-intimat ma jaggravax il-komunjoni tal-akkwisti billi ma jihux *overdrafts* f'ismu jew f'isem il-kumpaniji msemmija.

L-intimat irribatta li hu bl-ebda mod ma wera li ghandu l-intenzjoni li jbiegh jew jitrasferixxi l-ishma tal-kumpaniji msemmija billi anke obbiga ruhu fl-atti ta' dan il-kaz li mhuwiex ser jitrasferixxi l-ebda ishma minghajr il-kunsens ta' martu.

Ikkonsidrat li saret dikjarazzjoni espressa fir-risposta tal-intimat Paul Sultana, li tindika b'mod manifestamet car li huwa m'ghandux intenzjoni li jitrasferixxi l-ebda ishma tal-kumpaniji imsemmija minghajr il-kunsens ta' martu.

Madankollu, jigi osservat, li t-trasferiment tal-ishma li jipposjedi fil-kumpaniji msemmija fir-rikors in ezami jista' xorta wahda jsehh. Difatti dan jirrizulta, mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur, fejn hemm indikat b'mod espress u dettaljat fl-*Articles of Association tal*-kumpaniji, dwar it-trasferiment ta' ishma (fol 15-18, fol 28-29, fol 45-46). Ghalhekk, ladarba, jista' xorta wahda jsehh it-trasferiment tal-ishma, ghalkemm f'dan l-istadju ghad ma ntwera xejn f'dan ir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ghandha d-dritt tikkawtela d-drittijiet taghha ghall-

sehem minn dawn l-ishma fil-kumpaniji *de quo*, formanti parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Sultana.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza, li l-fatt li r-rikorrenti tkun qed tibza' li d-drittijiet taghha jistghu jigu ppregudikati, ma tikkostitwix bazi ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni.[3] Izda, l-ghan tat-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat. Ghalhekk, dak li qed tittenta taghmel ir-rikorrenti huwa li sehemha mill-azzjoni fil-kumpaniji imsemmija ma jigix eluz. L-ewwel talba tar-rikorrenti hija ppernjata fuq dan il-konservazzjoni tad-dritt taghha.

Illi l-mandat intalab immedjatament wara li nghalqet il-medjazzjoni li sfrattat minghajr ma gie konkjuz l-abbozz ta' ftehim. Illi huwa indubbjament pacifiku li s-socjetajiet indikati fir-rikors in ezami gew imwaqqfa waqt iz-zwieg tal-konjugi Sultana, u li bejn il-konjugi Sultana tezisti l-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk, ir-rikorrenti ghandha l-jedd pretiz li tissalvagwardja u tikkawtela l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti sabiex ma jigux sparpaljati.

Jigi osservat, li t-talbiet fir-rikors in ezami, huma bbazati fuq l-artikolu 873(1) tal-Kap 12. Madankollu, l-artikolu 876(1)(a) tal-Kap 12 jaghmilha cara li Mandat ta' Inibizzjoni jista' jinhareg fuq proprjeta` li tkun parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-mandat ta' inibizzjoni jista' jinhareg meta l-konjugi jkunu ntavolaw proceduri ta' separazzjoni jew ikunu

---

[3] **Apassionata Park Munchen GmBH&CoKG vs St. George Edition Limited** 54/17 (JRM) – 2/03/2017

fil-process li jaghmlu dan. Izda, jigi osservat, li l-Qrati taghna akkordaw il-protezzjoni taghhom lil parti fiz-zwieg billi ordnaw il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni skont l-artikolu 873 tal-Kap 12. (Ara **Pauline Castillo vs Arthur Castillo et**, P.A. fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni, deciza fit-18 ta' Settembru 2008, **Susan Busuttil vs Saviour Busuttil pro et noe**, P.A. 1854/2014/1 (JPG) deciza fil-31 ta' Lulju 2015, **Doreen Vella vs Peter Paul Vella pro et noe**, P.A. 317/2014/1 (JPG) deciza fl-24 ta' Marzu 2014.

Ikkonsidrat li wara ezami akkurat tal-atti tal-kaz, li pretensjoni *prima facie* tar-rikorrenti, limitatament ghal dak li jirrigwarda t-trasferiment tal-ishma u limitatament ghall-kumpaniji Menfi Limited, Medical Laboratory Services, Menfi Projects Limited huwa gustifikat. Izda, m'hemm l-ebda gustifikazzjoni jew *prima facie* jedd referibbilment ghas-socjeta` St. James Hospital Holdings Limited.

Jigi rilevat, li s-socjeta` St. James Hospital Holdings Limited tinsab f'sitwazzjoni ferm distinta mill-kumpanija l-ohra msemmija. Fl-ewwel lok, hija s-socjeta` Medical Laboratory Services li hija l-azzjonista f'St. James Jospital Holdings Limited. Dawn jikkonsistu f' '*non participating, non voting, cumulative, redeemable preference shares'*, liema ishma m'ghandhomx marbutin maghhom jeddijiet ta' tmexxija tal-kumpanija St. James Hospital Holdings Limited. Fid-dawl ta' dan, ladarba, l-ishma huma "*redeemable preference shares*" hekk kif irrizulta mid-depozizzjoni ta' Paul Sultana in kontro-ezami, t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-ishma fl-kumpanija St. James

Hospital Holdings Limited ma tistax tigi akkolta *stante* li m'hemm l-ebda jedd *prima facie* referibbilment ghal din il-kumpanija.

Illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti l-aktar tikkoncerna t-tieni talba tar-rikorrenti, fejn qed jintalab li l-intimat jigi inibit milli jaghmel uzu f'ismu jew f'isem is-socjetajiet imsemmija minn facilitajiet ta' *overdraft*.

Illi r-rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova lanqas fuq bazi *prima facie* l-jedd minnha pretiz. Ma giex ippruvat li hemm ebda riskju ta' insolvenza ta' xi wahda mill-kumpaniji involuti, jew *mala fede* da parti tal-intimat u tal-azzjonisti l-ohra. Anzi rrizulta mill-provi li dawn il-facilitajiet ta' *overdraft* iservu biss biex ma jitwaqqafx l-operat tal-kumpanija. Difatti, rrizulta li dawn il-facilitajiet intuzaw sabiex jithallsu pagi u jinvestu f'makkinarju necessarju ghall-gestjoni tal-kumpaniji, b'mod li l-*overdraft* mhuwiex fin-negattiv u hemm profitt li jaghmel tajjeb ghall-istess *overdraft*. Ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess fir-risposta tal-intimat Sultana, li t-tieni talba hija kunfliggenti mal-ewwel talba ghaliex m'hemmx raguni ghaliex l-operat tal-kumpaniji ghandu jigi ostakolat billi jitwaqqaf l-*overdraft* vigenti fuq il-kumpaniji.

Dan l-argument iregi aktar u aktar meta huwa affermat li fis-socjeta` Menfi Projects Limited u f' Menfi Limited l-intimat Sultana ghandu biss ishma ta' ghoxrin fil-mija u m'ghandux kontroll la legalment u lanqas *de facto*. B'hekk, ladarba l-persentagg tal-ishma tal-intimat huwa wiehed

minimu u mhux maggoritarju, l-intimat innifsu bhala direttur u azzjonist, certament ma jaffetwax id-decizjonijiet principali tal-kumpaniji. Ikkonsidrat ukoll li l-kumpaniji ghandhom personalita' guridika distinta minn dik tal-intimat. Ghalhekk, taqbel mal-argument sottomess fir-risposta tal-intimat, li l-fatt li huwa ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni ma' martu, m'ghandux jimpingi fuq l-operat tal-kumpaniji fejn huwa azzjonist, b'detriment ghall-azzjonisiti l-ohra, u terga' ttenni, dan fl-assenza ta' prova ta' kontroll anke *de facto* u/jew ta' *mala fede* jew kolluzjoni da parti tal-azzjonisti l-ohra kontra l-interessi tar-rikorrenti.

**Necessita` tal-mandat.**

L-intimat Paul Sultana jissottometti li r-rikorrenti mhijiex ser tbati pregudizzju peress li hu qed jiddikjara fl-atti ta' dan il-kaz li mhuwiex ser ibiegh/jew jitrasferixxi ishma tal-kumpaniji imsemmija.

Dan jista' jkun minnu, izda min-naha l-ohra, jekk kemm-il darba l-bejgh tal-ishma fil-kumpaniji msemmija jsehh, ir-rikorrenti ser titlef minnufih id-dritt li hija tirreklama dak minnha pretiz fuq dawk l-ishma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Jigi rilevat li l-artikolu 876(1) tal-Kap 12 ma jirrikjedix prova tan-necessita' tal-mandat billi huwa mifhum li kull konjugi ghandu/ghandha l-jedd li tagixxi biex tippreserva l-assi tal-komunjoni.

Kif diga kellha opportunita` tippronunzja ruhha din il-Qorti, din il-procedura, hija mezz procedurali straordinarja u

eccezzjonali.[4] Ghaldaqstant, il-harsien li l-ligi timmira ghalih f'talba bhal din, huwa dak li minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollha r-rikorrenti jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. L-istharrig li trid taghmel din il-Qorti huwa dak, jekk, bl-ghemil li minnu qed tibza' r-rikorrenti, jistax jintilef darba ghal dejjem il-jedd li l-istess rikorrenti tidher li ghandha waqt it-talba ghall-hrug tal-mandat. Ghaldaqstant, dak li jrid jigi ppruvat mhuwiex biss li r-rikorrenti ser issofri xi pregudizzju, izda huwa imperattiv li tigi ppruvata l-irreparibilita`. (Ara **Natalia Butyrina vs John Joseph Cefai**, 1034/2007/1 (LFS) P.A. - deciza fis-7 ta' Awwissu 2007. Dan ghaliex il-hrug tal-mandat m'ghandux jinhareg jekk kemm-il darba jkun hemm rimedju iehor adegwat ghar-rikorrenti.

Il-Qorti tqis li l-ewwel talba tar-rikorrenti biss tissodisfa l-element ta' necessita` in kwantu jekk isehh it-trasferiment ta' ishma tal-kumpaniji Menfi Limited, Medical Laboraotry Services, Menfi Projects Limited din it-telfa tkun irrekuperabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti irnexxielha tipprova li jezistu l-elementi rikjesti bil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat limitatament ghall-ewwel talba taghha kif dedotta, u limitatament ghall-kumpaniji Menfi Limited, Medical Laboratory Services, Menfi Projects Limited.

---

[4] **Angelo Xuereb vs Marin Hil**i, Kumm - 22-09-1994.

## <u>III. DECIDE.</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, tvarja d-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament fir-rigward tat-talbiet kollha, u tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimat Paul Sultana limitatament ghall-ewwel talba billi tinibixxi lil Paul Sultana milli jitrasferixxi l-ishma appartenenti lill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u r-rikorrenti martu fil-kumpaniji Menfi Limited, Medical Laboratory Services, u Menfi Projects Limited.

Referibbilment ghat-tieni talba, peress li ma jezistux l-elementi rikjesti mil-Ligi, tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

Kull parti thallas l-ispejjez tieghu/taghha.

**Degretat**.

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**12 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Lulju 2017**